MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2009

Rikors Numru. 8/2002/1

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Pickless Limited**

Il-Bord;

Ra r-rikors tal-Kummissarju tal-Art:

Illi s-socjeta intimata giet notifikata b'Avviz ghall-ftehim datat 22 ta' Jannar 2002 fejn giet infurmata li l-kumpens li l-Awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala frank u liberu tal-fond 109, Triq il-Pellegrinagg (qabel Triq Santa Tereza), f'Bormla, huwa ta' elfejn disa' mija u tletin lira Maltija (Lm2,930) kif jidher fir-rapport tal-Perit Fred. H. Valentino A&CE tal-25 t'Ottubru 2001, li kopja tieghu Dok A hija annessa mal-istess Avviz ta' Ftehim.

Illi b’ittra ufficjali datata 8 ta’ Jannar 2002, is-socjeta intimata
fost affarijiet iddikjarat li ma taccettax il-kumpens offert.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lis-socjeta’ intimata biex titrasferixxi favur ir-rikorrent b’titolu ta’ xiri assolut bhala franka u libera l-art fuq imsemmija jiffissa l-kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta’ l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f’dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88).”

Ra wkoll ir-risposta tas-socjeta’ intimata Pickelss Limited:

Illi l-istima maghmula mil-Perit Fred. H. Valentino tal-25 t’Ottubru 2001 fuq inkarigu tar-rikorrenti ma tirriflettiex il-valur tal-fond oggett ta’ dina l-kawza u dan ghaliex l-lokazzjoni tal-fond hija wahda primarja f’Bormla aktar u aktar issa li qieghed jkun hemm zvilupp sostanzjali fl-inhawi u dan kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza;

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal dak li diga inghad aktar ‘il fuq dan il-fond jikkonsisti f’fond li jista’ jintuza ghall-skopijiet kummercjali u ghalhekk l-istima tal-Perit Valentino ma jidhirx li hadet in konsiderazzjoni dan il-fatt importanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi f’din il-kawza ma xehed hadd mill-partijiet jew rapprezentanti taghhom;

Illi f'din il-materja, l-Bord kien assistit mill-membri teknici tieghu, l-AIC David Pace u l-AIC Joseph Briffa, li wara li hadu konjizzjoni tad- dokumenti kollha esebiti, waslu ghall-konkluzzjoni unanima u kkonkludew l-inkarigu taghhom bil-mod segwenti:

Huma ikkunsidraw dana kollu, kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet (Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta), u partiklarment l-Artikolu 18 u 18A, u bhala rizultat huma tal-opinjoni illi l-kumpens li ghandu jithallas ghax-xiri tal-proprjeta urbana bhala libera u franka u kif deskritta fid-dokumenti esibiti, ghandu jigi iffissat fl-ammont ta' hames t'elef liri Maltin (LM5,000) ekwivalenti ghal hdax-il elf sitt mija sitta w erbghin ewro u seba u tmenin ewro centezmu (E11,646.87)

Il-Bord ghalhekk jilqa' t-talbiet tar-rikorrent u jordna lis-socjeta intimata titrasferixxi lir-rikorrenti b'xiri assolut l-fond urban bhala liberu u frank Nru 109, Triq il-Pellegrinagg (qabel Triq Santa Tereza) f'Bormla u dan versu l-prezz ta' hdax-il elf sitt mija sitta u erbghin euro u seba u tmenin centezmu (Euro 11,646.87) oltre l-imghax legali dovut lis-socjeta' intimata. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fit-13 ta' Novembru , 2009 fis-2.00 pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Michael Camilleri LL.D., biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandua jkun mgharraf bil-hatra tieghu bil-miktub mir-rikorrenti.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differrenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------